AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL
OCCUPATIONAL HEALTH & SAFETY AUTHORITY

| ***Kors:*** | **"Tqandil Manwali" 4 sigħat** |
|---|---|

*"Iktar mill-ħtigiet ta' taħriġ stabbiliti bis-saħħa ta' regolamenti oħra maħruġa taħt l-Att, min iħaddem għandu jiżgura li l-ħaddiema jirċievu ukoll taħriġ u tagħrif kif imiss dwar kif iqandlu t-tagħbijiet kif suppost u r-riskji li jkunu esposti għalihom partikolarment jekk dan ix-xogħol ma jsirx kif suppost,..."*

*Reg. 5. (3) AL35, 2003.*

## L-Għan tal-Kors:

Ma' tmiem dan it-taħriġ il-parteċipanti għandom ikunu kapaċi:

- ✓ jifhmu il-qagħda l-iktar ideali għall-bniedem
- ✓ jagħrfu il-limitazzjonijiet u l-varjazzjonjiet ta'qagħdiet meħtieġa waqt ix-xogħol u jagħmlu l-aġġustamenti meħtieġa *(correct posture)* bl-anqas riskju
- ✓ jagħrfu u jifhmu il-perikli tat-tqandil
- ✓ jifhmu x'jesiġu r-Regolamenti ta' l-2003 dwar il-protezzjoni kontra Riskji ta' Korrimenti tad-Dahar fil-Postijiet tax-Xogħol
- ✓ ikunu jistgħu jadottaw sistemi (techniques) tajbin tat-tqandil

Il-kunċett dwar l-ergonomija jikkonċerna l-addatament tal-ambjent tax-xogħol mal-persuna. It-terminu **'**xogħol**'** hawnhekk jirreferi għal diversi attivitajiet ta' kif inqanndlu. Permezz ta' **Evalwazzjoni tar-Riskju (ER)**, min iħaddem ikun f'pożizzjoni li jistabbilixxi il-kapaċitajiet u anke il-limitazzjonijiet tal-ħaddiem konċernat sabiex ix-xogħol u it-tagħrif li jingħataw lil dan ilħaddiem, kif ukoll l-apparat li jintuża huma addatati għal xulxin. Naturalment, il-prinċipji bażiċi mgħallma f'dan it-taħriġ huma b'mod ġenerali applikabbli ukoll għall-ambjenti anke barra l-post tax-xogħol. L-għan prinċipali tal-eżerċiżżju jibqa li jħares is-saħħa u l-*well-being* tal-ħaddiem. Il-ħarsien tar-regolamenti, barra li jġib il-konformita' mal-liġijiet f'dan il-qasam, għandu ukoll iħalli impatt posittiv fuq il-produttivita' u l-assentejiżmu, kif ukoll li jonsqu l-ispejjeż meta jitbegħdu l-konsegwenzi li jistgħu jirriżultaw b'mod immedjat jew mal-mogħdija taż-żmien.

## Metodu:

- B'taħriġ prattiku u teoretiku
- Preżentazzjoni *powerpoint,video/dvd*
- Diskussjonijiet
- Noti
- It-taħriġ isir bil-Malti



## Kontenut:

| Ħin | Kontenut |
|---|---|
| 1:25 s | Il-perspettiva legali u permezz ta' eżerċizzju fl-ER, niskopru kif nistgħu nevitaw l-uġigħ li jista' jirriżulta minn prattiċi ħżiena waqt it-tqandil; |
| 2:75 s | Taħriġ prattiku |